MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 37 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |

Kunsillier Marsaskala Is-Sur Charlo Mifsud

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku tal-Gudja is-Sur Romeo Baldacchino

Sindku ta' B'Buġia is-Sur Scott Camilleri

Sindku ta' Marsaxlokk is-Sur Steven Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

37.1.1 Il-Kunsill Reġjonali rċieva tlett ittri ta' apoloġija mingħand Sindku tal-Gudja is-Sur Romeo Baldacchino, Sindku ta' B'Buġia is-Sur Scott Camilleri, Sindku ta' Marsaxlokk is-Sur Steven Grech.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

37.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Peress li l-minuti kienu ntbagħtu filgħodu, għalhekk ġie deċiż li l-Minuti jinqraw.

37.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Joan Agius il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**37.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

37.2.3.1 **Programm mill-Għatba 'l barra**

Il-President qal li permezz ta' sensiela mill-Għatba Barra li kien qiegħed tixxandar fuq il-PBS, il-pubbliku qed issir jafu iktar l-irħula. Numru ta' Sindki ikkonfermaw li kienet diġa saritilhom l-intervista.

37.2.3.2 **Serata il-korijiet internazzjonali fil-knejjes madwar ir-reġjun**

Il-president tenna li l-attività tal-korijiet saret u l-attendenza kienet waħda inkoraġġanti speċjalment fis-serata ta' l-għeluq li saret f'Żejtun.

37.2.3.3 **Tender tal-binja amministrattiva**

Il-President informa li tender relatat ma renovar tal-Binja Amministrattiva ta' Reġjun infetaħ u qed jiġi aġġudikat .

37.2.3.4 **European Network of Holyweek and Easter Celebrations**

Il-President qal li kif kien nforma fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa online għal dawk l-għaqdiet li għandhom materjal u affarjiet relatati ma ċelebrazzjoni ta' l-Għid u l-Ġimgħa l-Kbira Huma infurmat li attendew online persuni mill Gudja u Żejtun flimkien ma l-Assistanta Prinċipali mir-Reġjun Christine Mansueto. Kien hemm xi diffikultà minħabba il-lingwa għaliex il-laqgħa saret bl-Spanjol , iżda l-organizzaturi nfurmaw li kien ser jibgħatu kommunikat bl-Ingliż.

**37.3 Komunikazzjoni mill-president;**

37.3.1 **ĊIRKULARI 06/2024 Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025 proċedura ta' kif ser issiru il-ħlasijiet ta' l-iskart.**

Il-President qara silta miċ-Ċirkolari fejn infurmat li wara diskussjonijiet, ġie deċiż li minn din is-sena, bħala miżura ta' simplifikazzjoni, l-allokazzjoni ta' fondi għall-ġbir tal-iskart u għat-tipping fees jingħaddu mill-ewwel lill-Kunsilli Reġjonali. Dan hu ta' benefiċċju billi jnaqqas il-piż amministrattiv tal-kalkoli relevanti u tal-ħruġ tal-invoices mill-Kunsilli Reġjonali u x-xogħol rispettiv fil-Kunsilli Lokali. Sadanitant il-Kunsilli Lokali xorta jżommu r-rwol għas-sorveljanza tas-servizz b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali hekk kif indikat fil-kuntratti rispettivi.

Huwa tenna l-importanza li Kunsilli xorta irridu jaħdmu sabiex l-ispiza relatata ma l-iskart tonqos għaliex il-fondi allokati għat-tipping fees iridu jitnaqsu b'hekk ikun hemm iktar fondi għal proġetti oħrajn fil-lokalitajiet.

37.3.2 **Streetlighting tender**

Il-President fakkar li l-Inġenir u l-Maniġer responsabli mill-proġetti qed jieħdu ħsieb jiġbru l-informazzjoni neċessarja. Segretarju Ezekuttiv tenniet illi kull Kunsill għandu irresaq dan is-suġġett bħala Item fuq l-Agenda sabiex ikun approvazzjoni dwar jekk irridux ikunu parteċipi f'tender.

37.3.3 **Il-proġett Quiz - Exciting Minds and Bodies**

Il-President qal li hemm bżonn sforz iktar min naħa tal-Kunsilli sabiex issir dan il-Quiz. Huwa ħeġġeg sabiex issibu tfal biex jieħdu sehem.

37.3.4 **Laqgħa ta' ESPON Targeted Analysis VREPO**

Il-President informa li huwa kien attenda għal laqgħa ta' ESPON f'Lithunania. Din il-laqgħa kienet impenjattiva fejn ġew preżentati u diskussi diversi temi ambjentali. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm Dr Liam Sciberras, Kunsillier fil-Kunsill ta' Santa Luċija li huwa ukoll espert f'suġġett ta' l-ambjent. Preżenti online kien hemm ukoll il-Maniġer ta' responsabbli mill ambjent Nicholas Spiteri. Rapport u il-minuti ta' din il-laqgħa ntbagħtu lil Kunsilli kollha.

Is-Sindki Joan Agius staqsiet jekk li stedina kienx miftuħa għal kulħadd. Il-President tenna li huwa kien konxju li Dr Sciberras kien espert b'dan il-qasam u bagħat jinforma lil Sindku ta' Luċija Capt Charmain St John.

Kien hemm qbil li f'okkażjonijiet oħra il-kommunikazzjoni tintbagħat lil Kunsill kollha.

**37.4 Skeda ta' Pagamenti;**

37.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

37.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Karl Boxall u sekondat Sindku Joan Agius il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**37.5 Rapporti**

**Ma kienx hemm rapporti**

**37.6 Item: Estimi Baġit 2025**

Il-President resaq draft tal-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2025 u talab lil Accountant ta' Reġjun sabiex jispjega ir-rapport ta' estimi. L-Accountant spjega li *dipreciation* għola minħabba proġett tal binja. L-istimi 2025 qed jieħdu inkonsiderazzjoni ta' żida li ser ikun hemm fil-pagi kif ukoll ħlas li jista' jingħata permezz tal-ftehim ġdid għal ħaddiema klerikali. Permezz tal-ftehim ma PROs issa se jitħallsu l-fondi ta' l-iskart riċiklat lil Kunsill Reġjonali b'hekk wara li jitħallsu il-flus dovuti lil Wasteserv , il-Kunsill Reġjonali ser ikollu sulplus żgħira. F'sfond li issa infetaħ it-tender tal-renovar tal-binja amministrattiva l-għola stima hija ta 826, 000 euro excl Vat. Infiq ieħor relatat mal-binja huwa ix-xiri ta' għamara inkluż il-kċina. Huwa kompla jispjega li kif diġa intqal iktar qabel li permezz ta'ĊIRKULARI 06/2024 l-allokazzjoni finanzjarja għall-2025 ser tinkludi fondi sabiex jitħalsu spejjes ta' l-iskart li ser jibda jitħallas dirett mill-Kunsill Reġjonali.

Il-Kunsill approva l-estimi 2025 skont ir-rapport preżentat.

**37.7 Affarijiet Oħra**

37.7.1 Is-Sindku Christian Sammut staqsa dwar il-rwoli tal-maniġers f'reġjun. Il-president ta' rendikont ta' xogħlijiet li issiru mill-Maniġers. Huwa tenna li laqgħat preċedenti saru preżentazzjonijiet mill-maniġers ta' xogħol tagħhom. Iktar dettalji ġew preżentati f'rapporti amministrattivi ta' snin 2023 u 2024.

**37.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

37.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal il-Ħamis 16 ta' Jannar 2024

Konfermati llum 16 ta' Jannar 2025____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv